MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 80/2023 LM

**Daniel Bilocca (K.I. nru. 467487(M))**
*('l-appellant')*

***vs*.**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Daniel Bilocca (K.I. nru. 467487(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni fil-5 ta' Lulju, 2023 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3642/CCG, li huwa ntavola fil-konfront tas-soċjetà intimata **HSBC Bank Malta**

**p.l.c. (C 3177)** [minn issa ’l quddiem ‘is-soċjetà appellata’], fejn it-Tribunal iddeċieda billi ċaħad it-talbiet kollha tiegħu.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-terminazzjoni tal-impjieg *full-time* tal-appellant minn mas-soċjetà appellata b’effett mill-31 ta’ Marzu, 2018, fejn huwa kellu l-kariga ta’ *Financial Crime Risk Manager* fil-grad ta’ *‘GCB 5 Manager’*. L-appellant kien ilu impjegat mas-soċjetà appellata sa mill-2006, u permezz ta’ ittra tal-5 ta’ Jannar, 2018, huwa kien għarrafha bir-riżenja tiegħu għaliex hija kienet ċaħdet it-talba tiegħu sabiex jibbenefika minn *career break* skont il-Ftehim Kollettiv.

**Mertu**

3. L-appellant għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fil-15 ta’ Mejju, 2018, permezz ta’ rikors fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

*“(i) jiddikjara illi t-tkeċċija tar-rikorrent mll-impjieg tiegħu mal-Bank intimat hija inġusta;*

*(ii) jiddikjara illi l-Bank intimat aġixxa b’mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrent in kwantu għal aġir diskriminatorju kif fuq premess inkluż meta ċaħdu milli jużufruwixxi ruħu mill-proċedura tar-rimedju intern sabiex jittratta l-ilment tiegħu bl-assistenza tal-unjin li fiha huwa msieħeb jew bl-assistenza tal-kollega ta’ fiduċja tiegħu hekk kif stabbilit fil-Ftehim Kollettiv;*

*(iii) fir-rigward tal-ewwel talba, konsegwentement jordna lill-Bank intimat sabiex iħallas lir-rikorrent kumpens għat-tkeċċija inġusta tiegħu a tenur tal-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll l-benefiċċju stipulat fil ftehim kollettiv fiċ-ċirkustanzi, liema benefiċċju għandu jkun f’somma ta’ mhux inqas mill-ekwivalenti ta’ tlett snin salarju kif stipulat fil-Ftehim Kollettiv viġenti;*

(iv) *fir-rigward tat-tieni talba, jagħti kull rimedju ulterjuri li jidhirlu li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi nkluż il-kundanna għall-ħlas ta' kumpens ulterjuri xieraq u dovut skont il-ligi* ai termini *tal-artikolu 30 minħabba fl-aġir diskriminatorju soffert mir-rikorrent; u*

(v) *jagħti kull rimedju ieħor li jidhirlu li jkun xieraq u opportun fit-termini tal-liġi u tal-Ftehim Kollettiv viġenti.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-Bank intimat."*

4. Is-soċjetà appellata wieġbet fis-27 ta' Ġunju, 2018, fejn ċaħdet l-allegazzjonijiet magħmula mill-appellant għar-raġunijiet li hija fissret fit-tweġiba tagħha.

## Id-deċiżjoni appellata

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

***"Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Il-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta* (constructive dismissal) *u allegazzjoni ta' aġir diskriminatorju. Dan it-Tribunal primarjament sejjer janalizza l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni imqajma mir-rikorrent, sew fil-kwistjoni taċ-ċaħda tal-*career break*, tal-*equal pay *u kif ukoll fil-fatt illi huwa ma tħalliex jissottometti l-*grievance *tiegħu.*

***(i) Dwar l-allegata diskriminazzjoni rigward il-*career break**

*Matul dawn il-proċeduri ħareġ biċ-ċar illi r-rikorrent xtaq joħroġ fuq* career break *fejn kellu jokkupa kariga relatata mal-Financial Crime ma' soċjetà partikolari illi kienet topera fil-qasam finazjarju. Tali talba saret mir-rikorrent ai termini tal-proviżjonijiet tal-ftehim kollettiv viġenti, u sussegwentament inqala' diżgwid bejn il-partijiet meta tali talba ġiet miċħuda. Joħroġ biċ-ċar mhux biss mix-xhieda stess iżda anke mit-test tal-ftehim kollettiv innifsu illi l-għotja tal-opportunità ta'* career break *lil impjegat tal-bank intimat kienet assolutament a diskrezzjoni tal-istess bank intimat. Inoltre, l-artikolu 13(k) ta' Sezzjoni B tal-ftehim kollettiv jispeċifika wkoll illi l-*career break *ċertament ma jistax jingħata fejn l-impjieg alternattiv illi l-impjegat ifittex għal matul*

*dan il-perjodu ikun fis-servizzi finanzjarji. Minkejja li kien hemm diżgwid dwar jekk is-soċjetà KSI Limited toperax f'tali qasam, anke jekk filfatt ma kienitx topera fis-servizzi finanzjarji tali proviżjoni xorta waħda hija subordinata għall-istess diskrezzjoni* <u>*assoluta*</u> *tal-bank intimat f'din id-deċiżjoni. Ma hemm l-ebda kundizzjoni oltre imposta fuq meta l-istess bank jista' jew ma jistax jagħti l-kunsens tiegħu għal talba f'dan ir-rigward.*

*B'danakollu, ir-rikorrent jallega li l-bank intimat mexa b'mod diskriminatorju meta ħa dina d-deċiżjoni. Huwa minnu illi minkejja li azzjoni tista' tidher li tkun* prima facie *leġittima, jista' jirriżulta li tkun di natura diskriminatorja b'mod indirett. Intant ir-rikorrent jallega li teżisti din id-diskriminazzjoni għaliex impjegat ieħor tal-bank, illi jinzerta li huwa l-avukat difensur tiegħu stess, ingħata l-opportunità jaħdem mal-istess soċjetà illi magħha xtaq jaħdem matul il-*career break *tiegħu.*

*Filwaqt li l-fatti miġjuba mir-rikorrent fir-rigward ta' x'sar ma' Dr Mark Muscat dwar il-*career break *tiegħu jidhru li huma veritiera, stante li lanqas ma ġew innegati mill-bank intimat, it-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi s-sitwazzjoni tal-*comprator *in kwistjoni kienet ferm differenti minn dik tar-rikorrent, kif joħroġ fit-tul, u fuq kollox għaliex ix-xogħol illi huwa kien qiegħed iwettaq mas-soċjetà in kwistjoni kien fl-ambitu legali. Intant ir-rikorrent innifsu ikkonferma illi ma kien jaf b'ħadd iżjed ħlief l-avukat tiegħu illi ingħataw l-opportunità jaħdmu mas-soċjetà in kwistjoni. B'hekk, dan it-Tribunal ma jista' jsib l-ebda bażi ta' diskriminazzjoni fir-rigward taċ-ċaħda tat-talba għal* career break *mir-rikorrent f'dan il-kuntest.*

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal, isib illi ċ-ċaħda tat-talba tal-*career break *mill-bank intimat ma kinitx diskriminatorja.*

***(ii) Dwar l-allegata diskriminazzjoni rigward ħlas ugwali*** **(equal pay)**

*L-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni imqajma mir-rikorrent tkompli abbażi ta' kwistjoni dwar ħlas ugwali.*

*It-Tribunal ser jagħmel riferenza għall-artikolu 27 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi:* "Impjegati fl-istess klassi ta' impieg għandhom id-dritt għall-istess rata ta' rimunerazzjoni għal xogħol ta' valur ugwali: B'dan illi prinċipal u ħaddiem jew union ta' ħaddiema b'riżultat ta' negozjati għal ftehim kollettiv jistgħu jiftiehmu dwar skali ta' salarji, żidiet annwali u kundizzjonijiet ta' xogħol oħra differenti għal ħaddiema li jkunu impjegati fi żminijiet differenti, liema skali jkollhom massimi li jintlaħaq wara żmien stabbilit. B'dan ukoll illi kull distinzjoni bejn klassijiet ta' impieg ibbażata fuq trattament diskriminatorju mod ieħor milli skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra tkun nulla u bla effett".

*Ir-rikorrent isostni li huwa kien jitħallas paga ferm inqas minn kollegi li jagħmlu xogħol ugwali, u anke minn impjegati oħra tal-bank intimat illi qiegħdin fi gradi aktar baxxi minn tiegħu. Ir-rikorrent ukoll jindika sitt* comparators*, ossia impjegati oħra tal-bank intimat, illi jipperċepixxu paga ogħla minn tiegħu minkejja li jew jaqgħu fl-istess grad tiegħu (skont il-ftehim kollettiv) jew iwettqu xogħol identiku għal tiegħu. Fuq il-punt tal-aħħar, ir-rikorrent jindika żewġ individwi mil-lista ta' sitta illi jisħaq li jwettqu l-istess xogħol bħalu. B'danakollu, dan it-Tribunal jinnota wkoll illi tali individwi għandhom rwoli li, għall-inqas ai termini ta' nomenklatura, huma ferm differenti minn dawk tar-rikorrent (Global Banking and Markets Manager u Retail Banking & Wealth Management Assistant Manager) nonostante l-fatt illi huma relatati mal-Financial Crime. Inoltre, l-ebda minnhom ma ittellgħu jixhdu dwar ix-xogħol li huma essenzjalment iwettqu u b'hekk dan it-Tribunal ma jista' jaderixxi l-ebda vertenza għall-allegazzjoni tar-rikorrent, speċjalment fid-dawl tal-ftit fatti illi għandu quddiemu. Fl-aħħarnett kif korrettament mistqarr mill-avukat difensur tal-bank intimat, każ ta' diskriminazzjoni huwa każ tar-rikorrent u b'hekk kien sta għalih sabiex jippreżenta l-aktar evidenza b'saħħitha f'dan ir-rigward, iżda għal xi raġuni huwa naqas milli jagħmel dan.*

*Fir-rigward tal-bqija tal-individwi imsemmija, l-istess raġunar jista' jiġi adott fis-sens illi ma nġiebet l-ebda prova illi dawn iwettqu xogħol ugwali jew simili ta' dak tar-rikorrent, u intant minn ħarsa lejn in-nomenklatura tal-irwoli tal-istess individwi ma jidher li hemm ebda indikazzjoni illi tali rwoli huma l-istess jew simili għall-irwol tar-rikorrent. Il-fatt li seta' kienu fl-istess grad tar-rikorrent ma jagħmel l-ebda differenza għaliex ġie ippruvat, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel.*

*Ir-rikorrent ukoll jibbaża l-allegazzjoni ta'* equal pay *fuq il-fatt li mill-ftehim kollettiv viġenti jeżistu* ranges *ta' pagi f'kull grad, liema gradi jvarjaw minn GCB8 sa GCBO, u li hemm individwi fl-istess grad tiegħu u anke fi gradi anqas illi jipperċepixxu paga ogħla minn tiegħu. Il-ftehim kollettiv innifsu, f'Appendix A, filfatt iniżżel gradi ta' salarji illi huma 'overlapping', kif sostnut minn diversi xhieda. Ma jidher li hemm l-ebda forma ta' proċedura stretta ta' kif wieħed jista' jimxi 'l fuq fl-iskala skont il-grad li jinsab fih, però l-artikolu 18 ta' Sezzjoni A tal-ftehim kollettiv dwar is-salarji jindika illi* "The Performance Management classification will be one of the elements taken into consideration in determing the salary level awards of all Employees", *li tindika illi tlugħ fis-salarji huwa filfatt imħolli fid-diskrezzjoni tal-bank – liema diskrezzjoni għandha tkun ġusta dejjem – iżda bl-ebda mod ma jista' wieħed ibassar qabża potenzjali fis-salarju b'ċertezza. Ir-rikorrent jisħaq li tali prassi tiżgarra ma' dak li jipprovdi l-artikolu 27 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn jgħid: "*...liema skali jkollhom massimu li jintlaħaq wara żmien stabbilit." *Liema frażi tindika illi fejn fil-punt*

*ewlieni ikun hemm diskrepanza bejn is-salarji ta' impjegati, dawn għandhom wara ċertu żmien jiġu* pari passu *tenut kont tal-esperjenza u l-anzjanità. B'danakollu wieħed ċertament ma jistax jistrieħ fuq din l-asserzjoni f'dan il-każ għaliex il-gradi GCB li huma assenjati mal-irwoli ġewwa l-bank intimat ma humiex ibbażati fuq rwoli jew klassijiet ta' rwoli speċifiċi, kif ġja muri aktar 'il fuq fejn dan it-Tribunal irrimarka illi ma nġiebet l-ebda prova illi l-*comparators *imressqa mir-rikorrent, speċifikament dawk tal-istess grad tar-rikorrent, kienu jwettqu l-istess xogħol jew xogħol simili bħalu. Minkejja li ma jistax jiġi innegat li tali diskrezzjoni ferm wiesgħa imħollija f'idejn min iħaddem kapaċi toħloq lok għal abbuż ai termini ta' remunerazzjoni ġusta, ma jistax jiġi assunt b'mod awtomatiku u mingħajr ebda tqabbil speċifiku bejn ir-rikorrent u* comparators *oħra tal-istess grad illi hemm diskriminazzjoni bejniethom fir-rigward tal-pagi tagħhom, diment li l-istess pagi huma konformi mal-iskali ta' salarji hekk imħollija mill-proviżjonijiet tal-ftehim kollettiv. Fuq in-naħa l-oħra tal-folja wieħed b'danakollu jista' jifhem għaliex ġiet imħollija din id-diskrezzjoni wiesgħa, speċifikament minħabba dan l-istess punt fejn il-gradi GCB iħaddnu fihom diversi rwoli differenti u altament distinti minn xulxin – kien ikun irraġonevoli li l-bank intimat ikollu jdejh marbuta f'dan ir-rigward meta m'aħniex qed nitkellmu dwar klassi ta' rwoli fuq pjan ugwali.*

*Għaldaqstant, dan it-Tribunal ma jsib l-ebda diskriminazzjoni f'dan ir-rigward.*

***(iii) Dwar l-ilment dwar il-grievance***

*Fl-aħħarnett, l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni tar-rikorrent testendi wkoll għall-fatt illi huwa ma ingħatax l-opportunità illi jissottometti* grievance *dwar il-kwistjoni rigwardanti ċ-ċaħda tat-talba għall-*career break*. Dan it-Tribunal jinnota illi fir-realtà l-*grievance *qatt ma ġiet b'xi mod miċħuda, u lanqas ma r-rikorrent qatt ġie infurmat illi l-*grievance *ma kienitx ser tiġi ikkunsidrata. B'danakollu l-bank intimat oġġezzjona għar-rappreżentant tal-union magħżul mir-rikorrent sabiex jassistih fil-proċess tal-*grievance*. Tali rappreżentant kien Dr. Mark Muscat, ossia l-avukat difensur tar-rikorrent fil-kwistjoni odjerna, illi l-bank intimat saħaq li ma kellux jidher bħala rapprezentant tar-rikorrent għaliex kien hemm proċeduri pendenti dwar din l-istess kwistjoni ta' rappreżentanza f'dak iż-żmien. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jallega illi l-bank iddiskrimina kontrih.*

*Il-kwistjoni de quo ġiet deċiża fit-22 ta' Novembru 2019, fl-ismijiet* ***Independent Bankers' Union vs HSBC (Deċiżjoni nru. 2631)****. Huwa fatt illi tali kwistjoni kienet għadha pendenti fiż-żmien li ġiet sottomessa l-*grievance *(ossia fl-2017), u għalhekk il-bank intimat kien ġustifikat fid-deċiżjoni tiegħu illi joġġezzjona li Mark Muscat jirrappreżenta lir-rikorrent stante li kien għad m'hemm deċiżjoni finali f'dak iż-żmien.*

*Inoltre, filwaqt li dan it-Tribunal jirrikonoxxi d-deċiżjoni sussegwenti tal-istess Tribunal ikkwotata mir-rikorrent li ipprovdiet li t-Tribunal ma setax jimponi dwar min jista' u ma jistax jirrappreżenta impjegat f'proċeduri fejn rappreżentant huwa permess, dan l-istess Tribunal ma jistax ma jagħmilx referenza għan-Nota ta' Dissent tal-membru tat-Tribunal fl-istess deċiżjoni Joseph Farrugia, fejn jipprovdi dan li ġej:*

> Bank li jopera fuq skala globali irid joqgħod attent ħafna li każijiet li jinvolvu rappreżentazzjoni jkunu kunfidenzjali ghaliex jista' jkollhom riperkussjonijiet serji fuq ir-reputazzjoni tal-bank. Każ f'pajjiż wieħed jista' jkollu riperkussjonijiet in-naħa l-oħra tad-dinja. Għalhekk il-ftehim bejn l-HSBC u l-MUBE jispeċifika li min jirrappreżenta lill-impjegat għandu jkun impjegat tal-Bank. Dan jipproteġi lill-Bank, u konsegwement lill-impjegati tiegħu, milli jkun hemm involviment minn xi ħadd li jkollu aġenda ulterjuri mill-każ li jista' jinqala' u li l-motiv propju tiegħu ma jkunx neċessarjament l-interess tal-impjegat li suppost ikun qed jirrappreżenta, izda li juża kull mezz malinn sabiex iwaqqa' r-reputazzjoni tal-Bank, kemm lokalment kif ukoll fuq livell internazzjonali, b'konsegwenzi koroh fuq l-operat kummerċjali kif ukoll fuq l-impjiegi.
>
> Imkien mhu msemmi, jew intqal, li l-Bank ried jagħżel hu lil min għandu jirrappreżenta lill impjegati. Li hemm fil-ftehim kollettiv huma parametri maqbula b'mod liberu bejn il-Bank u r-rappreżentanti tal-impjegati.
>
> Kemm il-management tal-Bank, kif ukoll il-union rikonoxxuta, jagħrfu r-responsabiltà li jġorru fil-prattika tar-relazzjonijiet industrijali, u għalhekk l-iskop ta' din ir-restrizzjoni, jekk wieħed jista' jsejħilha hekk, mhuwhiex li jirrestrinġi l-libertà tal-individwu, iżda li jiġu salvagwardjati l-interessi tal-Bank u tal-impjegati tiegħu.

*Dan it-Tribunal qabelxejn jiddikjara illi per prinċipju id-deliberazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tiegħu ma għandhom l-ebda obbligu li jorbtu rwieħhom ma' deċiżjonijiet jew sentenzi preċedenti tat-Tribunal. Intant, dan it-Tribunal qiegħed jaqbel ma' dak mistqarr fin-nota ta' dissent tal-membru Joseph Farrugia fid-deċiżjoni surreferita. Huwa ben fatt, u dan skont kif jirriżulta minn proċeduri legali oltre, li r-rappreżentant magħżul mir-rikorrent kellu problemi personali ta' natura pjuttost serja mal-bank intimat, fejn sa anke talab danni mingħandhom tramite l-istess proċeduri legali, u dan kollu kien għaddej matul iż-żmien tal-kwistjoni odjerna.*

*B'hekk dan it-Tribunal ma jistax ma jagħtix raġun lill-bank intimat illi jkollu riżervi pjuttost serji u ġustifikati illi Mark Muscat ikun ir-rappreżentant tal-union tar-rikorrent, għaliex ma hemm l-ebda lok ta' dubju li stante l-kwistjoni li nqalgħet bejn l-istess Mark Muscat u l-bank intimat, liema kwistjoni kienet għadha pendenti bis-sħiħ*

*f'dak iż-żmien, il-bank intimat ma setgħax ikollu assigurazzjoni ta'* 'fair-play' *fil-proċedura tal-*grievance. *Huwa għalhekk ukoll li dan it-Tribunal jaqbel ma' kliem Joseph Farrugia fin-nota ta' dissent tiegħu fejn jistqarr illi* "L-ispirtu tal-ftehim kollettiv bejn l-HSBC u l-MUBE, bil-parametri stabbiliti, jistabilixxi li m'għandu jkun hemm ħadd li bi skuża li qiegħed jirrappreżenta impjegat tal-Bank ikun ntiż biss sabiex jagħmel ħsara'. *Filwaqt li bl-ebda mod dan it-Tribunal ma huwa jistqarr illi l-intenzjoni tar-rappreżentant magħżul mir-rikorrent kien hekk, jistqarr illi huwa mifhum li r-riżervi tal-bank intimat kienu ibbażati fuq dan ir-raġunar stante l-kwistjoni li kienet għaddejja bejnu u l-istess rappreżentant. B'hekk, it-Tribunal ma jista' jsib li kien hemm l-ebda forma ta' diskriminazzjoni f'dan ir-rigward għaliex jidher ben ċar illi kellu kull dritt li jħares id-drittijet u r-reputazzjoni tiegħu fil-konfront ta' periklu potenzjali ta' dan it-tip.*

***(iv) Dwar il-performance bonus mhux imħallas***

*Rigward l-allegazzjoni dwar il-*performance bonus *tas-sena 2017 illi ma tħallasx lir-rikorrent stante r-riżenja tiegħu, dan it-Tribunal ma għandu l-ebda setgħa bis-saħħa tal-liġi illi jiddeċiedi fuq tali materja u għaldaqstant din it-talba ma hijiex ser tiġi ikkunsidrata. Dwar dan jingħad ukoll ma kienx hemm talba fir-rikors promotur.*

***(v) Dwar l-allegat constructive dismissal***

*Fl-aħħarnett, ir-rikorrent jallega illi kawża tat-trattament surreferit, huwa ma tħalla bl-ebda għażla għajr illi jissottometti r-riżenja mill-impjieg tiegħu mal-bank intimat, u li b'hekk tali terminazzjoni tikkostitwixxi* constructive dismissal *ai finijiet tal-liġi.*

*Huwa ben risaput mill-Qrati tagħna illi stante li l-kunċett ta'* constructive dismissal *ma huwiex imsemmi speċifikament fil-liġi Maltija, dan it-Tribunal huwa liberu li japplika l-kunċett abbażi ta' prinċipji u sentenzi Ingliżi, fejn il-kunċett huwa ben stabbilit fil-liġi.*

*Każ Ingliż regolarment ċitat mill-Qrati tagħna huwa dak ta'* ***Morrow vs Safeway Stores plc*** *fejn l-*Employment Appeals Tribunal *jisħaq illi* "If there has been conduct by the employer likely to destroy or seriously damage the trust and confidence relationship this will mean, inevitably, that there has been a fundamental breach going to the root of the contract and entitling the employee to resign and claim constructive dismissal. No distinction can be made between degrees of seriousness of the breach of this implied term" *(ara* ***Roderick Azzopardi vs Malta Public Transport Services (Operations) Limited).***

*It-Tribunali Ingliż sikwit ukoll japplikaw żewġ testijiet distinti sabiex jeżaminaw jekk filfatt kienx hemm* constructive dismissal*. Primarjament, il-*contract test *jevalwa jekk*

*kienx hemm dik li tissejjaħ* "discharge by breach". *Fil-każ ta'* ***Western Excavations vs Sharp****, jingħad is-segwenti:* "If the employer is guilty of conduct which is a significant breach going to the root of the contract of employment; or which shows that the employer no longer intends to be bound by one or more of the essential terms of the contract; then the employee is entitled to treat himself as discharged from any further performance. If he does so, then he terminates the contract by reason of the employer's conduct. He is constructively dismissed."

*Fil-kwistjoni odjerna, sabiex wieħed jifhem jekk kienx kemm ksur ta' xi element fundamentali tal-kuntratt tal-impjieg tar-rikorrent, iridu jiġu meqjusa l-allegazzjonijiet imqajma mir-rikorrent innifsu fid-dawl ta' dak li jipprovdu r-relazzjonijiet tal-impjieg bejn il-partijiet, inkluż dak li jipprovdi l-ftehim kollettiv.*

*Skont il-każ hawn fuq ċitat, il-*contract test *jirrikjedi li jiġu analizzati erba' kriterji essenzjali:*

1. *Il-ksur tal-kuntratt min-naħa ta' min iħaddem, sew jekk huwa attwali jew antiċipat;*
2. *Il-ksur irid ikun serju u fundamentali, jew jifforma serje ta' ksur li jikkostitwixxu il-*last straw concept;
3. *L-impjegat irid jitlaq b'konsegwenza tal-ksur;*
4. *L-impjegat ma jistax jiddeżisti mill-azzjoni tiegħu li jitlaq, bħal per eżempju f'dewmien mit-tluq tiegħu.*

*Ir-rikorrent huwa ċar fi kliemu meta fl-ittra tar-riżenja jindika illi t-tluq tiegħu minn mal-bank intimat huwa konsegwenza taċ-ċaħda tat-talba tiegħu li jmur fuq* career break*, fejn tali punt huwa ripetut diversi drabi, filwaqt li ma tissemma l-ebda raġuni oltre minn hekk, b'differenza għall-fattispeċi tal-kawża odjerna. B'danakollu, dan it-tribunal diġà ikkunsidra dan il-fatt u ikkonkluda illi l-bank intimat kien ferm ġustifikat fil-konklużjoni tiegħu illi ma jilqax it-talba tar-rikorrent f'dan ir-rigward, sew abbażi tal-fatti relatati mat-talba infisha (ossia s-soċjetà illi xtaqet jaħdem magħha r-rikorrent) u sew minħabba d-diskrezzjoni assoluta mħollija lill-bank fil-ftehim kollettiv f'dan ir-rigward. B'hekk lanqas jista' jingħad illi dina l-kwistjoni setgħet titqies bħala l-*last straw *tar-rikorrent, fejn huwa tħalla dahru mal-ħajt u ma kellu l-ebda għażla għajr li jirriżenja konsegwenza ta' ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-bank intimat. B'hekk, ir-rekwiżiti (1) u (2) ġja ma ġewx sodisfatti. Filwaqt li r-rekwiżit (3) huwa dubjuż stante l-kliem pożittiv u sa anke ta' tifħir użat fl-ittra tar-riżenja tar-rikorrent, u li intant huwa ibbażat strettament fuq il-*punto di vista *tal-partijiet, ir-rekwiżit (4) ċertament ma jistax jingħad li ġie sodisfatt għaliex ir-rikorrent ma itterminax l-impjieg tiegħu b'mod immedjat iżda ħadem in-*notice.

*Dan ir-raġunar jakkorda wkoll ma' dak li jipprovdi it-tieni test ċitat minn każistika Ingliża, ossia r-*reasonableness test, *fejn trid tiġi analizzata l-eżistenza tal-"*implied trust and confidence' *bejn il-partijiet, u jekk din ġietx miksura permezz tal-azzjonijiet ta' min jimpjega. Tali analiżi għandha teżamina l-fatti b'mod oġġettiv u abbażi tal-aġir ta' kemm min jimpjega u kif ukoll tal-impjegat. Tenut kont tal-fatti tal-każ u ta' dak ġjà fuq rilevat ma jistax jingħad li r-rikorrent ġie mġiegħel jirriżenja kawża tal-aġir tal-bank intimat meta l-istess aġir kien wieħed li ittieħed abbażi ta' motivazzjonijiet ferm ġustifikati u, fuq kollox, legali.*

*Fl-aħħarnett dan it-Tribunal ma jistax jinjora l-kontenut tal-ittra tar-riżenja tar-rikorrent, fejn aktar 'il fuq ġjà ġew elenkati ċerti elementi minnha. Kriterju importanti tal-*constructive dismissal *huwa li fir-riżenja sottomessa mill-impjegat, l-istess impjegat jindika illi tali riżenja qiegħda ssir* 'under protest' *u li hija konsegwenza ta' dak li jemmen li huwa ksur tar-relazzjoni kuntrattwali tal-partijiet jew tal-"*implied trust and confidence" *ta' bejniethom.*

*Id-determinazzjoni ta' jekk dan sarx fir-riżenja tar-rikorrent għall-ewwel tidher nebuluża fiha nfisha. Min-naħa l-waħda, ir-rikorrent jindika illi r-riżenja tiegħu hija konsegwenza diretta tal-fatt illi l-bank intimat ċaħadlu t-talba għall-*career break. *B'danakollu, il-bqija tal-ittra tar-riżenja tkomompli sabiex tindika illi l-istess riżenja qiegħda tiġi sottomessa wkoll sabiex ir-rikorrent jesplora opportunitajiet oħra għall-karriera tiegħu, u li oltre minn hekk jirringrazzja lill-bank tal-opportunitajiet li ingħatawlu matul iż-żmien li għamel jaħdem hemm. Jekk in-nebuložità ta' jekk tali riżenja tikkostitwix protesta jew le għadha preżenti f'dan il-waqt, żgur li kull dubju jitneħħa minn moħħ dan it-Tribunal meta jara li r-rikorrent jikkonkludi l-istess ittra billi jgħid: "*<u>...from my end I still do not exclude the possibility of someday returning to work for HSBC, if granted the opportunity in future</u>*." Dan it-Tribunal ma jista' bl-ebda mod jiġġustifika l-eżistenza ta' xi forma ta' protesta u* constructive dismissal *meta rinfaċċjat bi stqarrija bħal din, li tikkonferma li filfatt ma kien hemm l-ebda kuntratt jew wisq anqas affidabiltà bejn il-partijiet illi ġiet miksura, iżda sempliċiment każ ta' impjegat li ma ħax li ried u xtaq li jesplora opportunitajiet oħra bl-intenzjoni li aktarx jirritorna lura fil-ġejjieni.*

*Filwaqt li ma jistax jiġi injorat il-fatt li r-rikorrent issottometta* grievance *f'dan ir-rigward, it-Tribunal ħa konjizzjoni, bi qbil magħhom, tar-rikmarki tal-bank intimat fejn indika illi l-idea ta'* grievance *hija sabiex kwistjoni tiġi investigata u jintlaħaq kompromess – jekk il-*grievance *ġiet sottomessa wara li r-riżenja ingħatat, jidher biċ-ċar illi r-rikorrent ma kellu l-ebda intenzjoni illi tintlaħaq xi forma ta' kompromess għaliex id-deċiżjoni li jitlaq kienet diġà ittieħdet minnu. Jekk filfatt ir-rikorrent kellu, kif isejħilhom hu fl-ittra tar-riżenja tiegħu,* "serious reservations" *dwar id-deċiżjoni*

*tal-bank intimat fir-rigward tal-*career break*, tali "*serious reservations" *messhom ġew indirizzati qabel ma ħa d-deċiżjoni li jittermina l-impjieg tiegħu jekk issa jogħġbu jallega illi kien imġiegħel jirriżenja stante l-azzjonijiet tal-bank intimat. B'hekk jidher illi l-*grievance *infisha kienet falza stikka li ġiet sottomessa biss bħala* 'afterthought' *u x'aktarx anke b'konsegwenza ta' tixwix minn partijiet esterni, għaliex huwa ferm stramb kif mill-kliem tant paċifiku u amikevoli tal-ittra tar-riżenja ġiet sottomessa* grievance *dwar kwistjoni li ma kienx kuntent dwarha. F'dan id-dawl jingħad ukoll illi anke l-kwistjoni relatata mal-allegata diskriminazzjoni u l-*equal pay *ma kellha xejn x'taqsam mar-riżenja tal-impjieg għaliex fl-ebda punt ma ġie ippruvat li dan kien minnu, iżda għal darb'oħra jidher li din il-kwistjoni kienet biss* 'afterthought' *oħra illi tqajmet biss wara li d-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg kienet ġjà ittieħdet.*

*Impjegat li jixtieq jiġġustifika każ ta'* constructive dismissal *għandu juri li għamel minn kollox sabiex l-ilmenti tiegħu jiġu solvuti, dejjem jekk dan ikun possibbli u raġonevoli fil-każ innifsu. F'dan il-każ tali lmenti ċertament ma kinux ta' xi natura illi ma ħalliet lir-rikorrent l-ebda għażla għajr li jirriżenja b'mod immedjat qabel jesplora toroq oħra għal riżoluzzjoni amikevoli, għaliex kien hemm dejjem l-għażla li jiddiskuti l-ilmenti tiegħu mal-bank intimat b'mod formali bit-tama li jintlaħaq xi kompromess. Tant hu hekk illi huwa fl-aħħar għamel użu minn din il-proċedura* (grievance), *biss kien tard wisq meta huwa għamel dan u b'hekk is-sustanza tal-*grievance *kienet fjakka* ab initio *peress illi r-rikorrent kien diġà issottometta ir-riżenja. Tali sekwenza ta' fatti turi l-intenzjonijiet veritiera tar-rikorrent, ossia li dawn ma kinux sabiex tintlaħaq xi forma ta' kompromess, iżda sabiex jittanta joħloq kwistjoni mingħajr bażi jew jottjeni xi forma ta' kompromess finanzjarju mill-bank intimat."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Lulju, 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"1. tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali datata l-5 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet premessi, u*
*2. tiddikjara illi t-talbiet tal-appellant huma ġustifikati u li għandhom jintlaqgħu u*
*3. tordna li għandu jiġi likwidat kumpens a favur tiegħu.*
*4. Jogħġobha tagħti dawk il-provvedimenti u ordnijiet li jidhrilha opportuni sabiex l-aggravji tal-appellant mressqa f'dan l-appell jiġu milqugħa."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) dwar il-*career break* it-Tribunal skarta l-provi importanti li kienu tressqu quddiemu sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju; (b) id-deċiżjoni appellata mhijiex skont id-dettami tal-liġi u l-ġurisprudenza fir-rigward ta' dak li jikkostitwixxi '*trattament diskriminatorju';* (ċ) li kieku t-Tribunal kien wasal għall-konklużjoni tajba fir-rigward taż-żewġ aggravji, huwa kien jasal ukoll għall-konklużjoni li kien hemm tkeċċija inġusta skont il-liġi; (d) it-Tribunal żbalja meta ma kkunsidrax il-kwistjoni ta' *constructive dismissal* separatament minn dik ta' diskriminazzjoni; u (e) It-Tribunal skarta l-liġijiet u l-ġurisprudenza applikabbli ta' kif għandha titmexxa proċedura meta ssir allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fl-14 ta' Awwissu, 2023, fejn talbet sabiex id-deċiżjoni appellata tiġi kkonfermata, u dan filwaqt li spjegat ir-raġunijiet tagħha għal dan.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser qabel xejn tgħaddi sabiex tistħarreġ jekk hijiex ġustifikata s-sottomissjoni tas-soċjetà appellata li l-ewwel żewġ aggravji huma inammissibbli, u dan filwaqt li tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi s-subartikolu (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452. In sostenn tal-argument tagħha, hija tagħmel riferiment għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Malta Boatmen & Mooring Services Co-op Limited *vs.* Awtorità għat-Trasport f'Malta**, deċiża fl-14 ta' Settembru, 2022, u tikkontendi li l-appellant hawnhekk qiegħed jappella fuq interpretazzjoni ta' ftehim, u mhux fuq punt ta' liġi. Tgħid li għaldaqstant il-Qorti għandha tiddikjara li l-aggravji rispettivi huma inammissibbli.

9. Il-Qorti ibda billi tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-appellant. Huwa hawnhekk qiegħed jinsisti li t-Tribunal skarta provi importanti li tressqu quddiemu sabiex jiġi ppruvat t-trattament diskriminatorju fir-rigward tal-kwistjoni tal-*career break* li l-appellant kien talab. Jgħid li t-Tribunal naqas ukoll milli jikkunsidra li d-diskrezzjoni ġġib magħha ir-responsabbiltà, u li din ma tistax tintuża b'mod arbitrarju. L-appellant jispjega li t-Tribunal ma kkunsidrax il-fatt li l-entità fejn huwa xtaq imur jaħdem, ma kienitx tikkostitwixxi istituzzjoni finanzjarja, u s-soċjetà appellata kienet saħansitra diġà ppermettiet impjegat ieħor biex jaħdem mal-imsemmija entità bħala *Industrial Relations Consultant, Tax Consultant* u anki *Business Consultant.* L-appellant jirrileva li l-investigazzjoni fir-rigward tad-diskrezzjoni eżerċitata mill-prinċipal fi kwistjoni ta' impjiegi paralleli, għandha sseħħ b'ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-L.S. 452.126. Isostni li kien ġie ppruvat li fil-każ partikolari tiegħu ma kien hemm l-ebda kunflitt ta' interess, u lanqas xi raġuni oġġettiva oħra għaliex it-talba tiegħu kellha tiġi rifjutata. Iżda f'dan kollu, il-Qorti tgħid li għalkemm l-appellant jittenta jsejjes l-aggravju tiegħu fil-liġi, hija ma tagħraf l-ebda punt ta' liġi li għandha tittratta u tiddeċiedi dwaru. Tirriżulta biss diverġenza ta' opinjoni bejn dak li qiegħed jinsisti fuqu l-appellant u r-raġunament tat-Tribunal, u dan ċertament ma jikkostitwixxi l-ebda kwistjoni dwar punt ta' liġi, kif ingħad diversi drabi minn din il-Qorti. Għaldaqstant hija tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju tal-appellant.

10. Dwar it-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jissottometti li d-deċiżjoni appellata mhijiex konformi mal-liġi, senjatament mad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 452 u tal-liġijiet sussidjarji magħmulin taħtu, u anki mal-ġurisprudenza fejn din tikkunsidra l-kwistjoni ta' 'trattament diskriminatorju'. Filwaqt li jiċċita d-

definizzjoni mogħtija mil-L.S. 452.95, u jirrileva li t-Tribunal fid-deċiżjoni appellata stqarr li fil-każ odjern kien applikabbli l-artikolu 27 tal-Kap. 452, l-appellant isostni li t-Tribunal imbagħad skarta l-provvediment iċċitat minnu stess, u minflok issostitwixxa r-rieda tiegħu u dik tas-soċjetà appellata għal dik tal-leġislatur. Iżda hawnhekk ukoll il-Qorti tagħraf li l-kwistjoni li qiegħed iqajjem l-appellant tirrigwarda l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet, u ma tolqot l-ebda punt ta' liġi. Aktar tard fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa jsostni li l-konklużjoni tat-Tribunal li ma tressqet l-ebda prova li l-*comparators* li għażel l-appellant jagħmlu xogħol ugwali jew simili tax-xogħol tiegħu, ma kienitx ġustifikata għaliex huwa kien saħansitra pproduċa l-ftehim kollettiv u anki l-*job descriptions* ta' kull wieħed jew waħda minnhom. Il-Qorti tgħid li l-argument sħiħ li qiegħed jagħmel l-appellant huwa dirett lejn l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, meta dan ikkunsidra l-ilment ta' trattament diskriminatorju tiegħu, fid-dawl tal-evidenza li l-imsemmi appellant kien ipproduċa sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu fil-konfront tal-*comparators.* Fil-fatt aktar tard fis-sottomissjonijiet tiegħu li jispjegaw dan it-tieni aggravju, l-appellant jidħol fl-aspett ta' paga paragunabbli sabiex juri kif it-Tribunal għamel evalwazzjoni allegatament skoretta tar-rwoli tal-istess *comparators.* Għal darb'oħra l-Qorti ma ssibx li l-appellant qiegħed jirrileva xi punt ta' liġi, u għalhekk hija preklużа milli tikkunsidra dan it-tieni aggravju tiegħu wkoll.

11. Il-Qorti tirrileva li hawnhekk hija għandha tikkunsidra wkoll jekk it-tielet aggravju huwiex ukoll limitat għall-mertu, ġaladarba l-appellant qiegħed jargumenta li t-Tribunal kellu jasal għall-konklużjoni li saret tkeċċija nġusta li kieku huwa wasal għall-konklużjoni korretta fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma fl-ewwel żewġ aggravji tiegħu. Tgħid li wara li qieset l-ewwel żewġ

aggravji tal-appellant, dan l-argument għandu mill-ewwel iwassalha għall-istess konklużjoni li waslet fir-rigward tal-imsemmija l-ewwel żewġ aggravji, jiġifieri li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu ġaladarba jolqot il-mertu. Tagħraf li l-appellant hawnhekk qiegħed jittratta l-kwistjoni tal-interpretazzjoni tal-ittra tar-riżenja tiegħu kif magħmula mit-Tribunal, li l-Qorti tagħraf li dan daħal sew fiha. Barra minn hekk huwa hawnhekk jagħmel riferiment għall-provi, partikolarment għax-xhieda tiegħu stess dwar ir-rimunerazzjoni allegatament diskriminatorja li huwa kien jirċievi għax-xogħol tiegħu. Iżda f'dan kollu l-Qorti tara biss kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tal-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, u għalhekk tastjeni wkoll milli tikkunsidra it-tielet aggravju tal-appellant.

12. Ġaladarba tressqu l-argument li l-ewwel żewġ aggravji tal-appellant ma jittrattaw l-ebda punt ta' liġi u li għaldaqstant għandhom jiġu skartati, il-Qorti tikkunsidra li għandha wkoll tinvestiga jekk l-aggravji l-oħra tiegħu sarux skont dak li jitlob is-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452.

13. Ir-raba' aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal żbalja meta ma kkunsidrax separatament il-kwistjoni tal-*constructive dismissal* mill-kwistjoni tad-diskriminazzjoni li allegatament saret fil-konfront tiegħu, meta s-soċjetà appellata ċaħditu mill-benefiċċju li jingħata fil-ftehim kollettiv li jippreżenta '*individual grievance',* u billi wkoll skont l-istess ftehim jiġi rrappreżentat minn uffiċjal tal-*union* li tagħha kien membru, jew minn kollega li jgawdi l-fiduċja tiegħu. Iżda fis-sottomissjonijiet tal-appellant li jsegwu, il-Qorti ma ssibx li huwa qiegħed jirrileva xi punt ta' liġi li għandu jiġi dibattut. Għal darb'oħra l-appellant jallega li t-Tribunal għażel li jwarrab il-provi, u jissuġġerixxi wkoll li hawnhekk l-

it-Tribunal ma kienx qiegħed juri imparzjalità. Iżda l-Qorti tagħraf li din l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' imparzjalità min-naħa tat-Tribunal, hija msejsa fuq l-apprezzament tal-provi, fejn l-appellant mhux qiegħed jaqbel mat-Tribunal fejn dan ikkunsidra ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu. B'hekk dan l-aggravju wkoll ma jqajjem l-ebda punt ta' liġi.

14. Il-ħames aggravju tal-appellant huwa li t-Tribunal skarta l-liġijiet u anki l-ġurisprudenza applikabbli fir-rigward tal-proċedura li għandha tiġi addottata fejn jiġi allegat trattament diskriminatorju, u anki fuq min jaqa' l-oneru tal-prova. Il-Qorti tikkunsidra li għalkemm l-appellant jinvoka d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru, 2000, u anki dawk tal-L.S. 452.95, l-argument tiegħu jibqa' wieħed ta' sempliċi allegazzjoni mingħajr ma jorbot dak li seħħ quddiem it-Tribunal ma' dak rikjest mill-imsemmija dispożizzjonijiet, u għalhekk imqiegħed fil-kuntest partikolari tal-każ. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-aggravju effettivament jolqot punt ta' liġi, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell billi tiċħad l-appell tal-appellant, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |